MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2011

Numru. 572/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Vincent Abela**

**Kumpilazzjoni Numru: 572/2011**

**Illum, 03 ta' Mejju, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincent Abela, bin Paul u Maria Dolores nee' Zerafa, imwieled Pieta', nhar id-19 ta' Lulju, 1974, residenti Entrance D, Flat 6, Triq Hanover, Bormla, u detentur tal-karta ta' l-Identita bin-numru 348574(M).

Akkuzat

1. Talli fit-22 ta' April, 2011, ghal habta ta' 23:00hrs, gewwa Entrance D, Flat 6, Triq Hanover, Bormla, volontarjament hebb ghal persuna ta' Charmaine Grech u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' delitt ta' feriti gravi liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-persuna ta' Charmaine Grech u kkaguna griehi ta' natura hafifa skond ma iccertifika Dr.Kevin Grech mic-Centru tas-Sahha ta' Bormla.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-paci pubblika b'ghajjat, storbju u glied;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkstanzi, kif ukoll fil-granet ta' qabel u wara din id-data gab ruhu b'tali mod li kkaguna biza' lil Charmaine Grech li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew messu kien jaf li, b'tali mgieba tieghu, ser tikkaguna lil haddiehor biza' u dan ai termini tal-artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli fl-1 ta' Mejju, 2011 ghall-habta ta' 15:30hrs uza xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' kommunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss u dan ai termini tal-artikolu 35(1)(d) tal-Kap 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded bi kliem lil Charmaine Grech.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Mlata ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li tohrog ordni ta’ protezzjoni ai terminu tal-artikolu 412(C ) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f’kaz ta’ htija ma kull piena li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 214, 216, 221, 251B, 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 45(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkusidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri. In oltre hadet in konisderazzjoni l-fatt li l-imputat diga ghamel arrangamenti biex huwa jidba jirrisjedi ‘l boghod mill-parte leza.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 49, 50, 214, 216, 221, 251B, 338(dd) u 339(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 45(1)(d) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li, ghas-sigurta ta’ Charmaine Grech, ikun taht ordni ta’ protezzjoni ghal perjodu ta’ sentejn ukoll.

Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor f’perjodu ta’ sentejn u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti qed tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’ l-Ufficju tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------